

Vittmi tal-kriminalità fl-UE: kemm għandu jkun hemm u n-natura ta' appoġġ għall-vittmi

Sommarju



L-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea jggarantixxi lill-persuni kollha fl-UE d-dritt għal rimedju effettiv.

Il-provvista ta' servizzi ta' appoġġ għall-vittmi għal vittmi tal-kriminalità hija fundamentali biex tinkiseb ġustizzja għall-vittmi u jkun żgurat li l-vittmi jistgħu jitolbu d-drittijiet tagħhom. Servizzi ta' appoġġ għall-vittmi jinkludu assistenza disponibbli għall-vittmi qabel, waqt u wara l-proċedimenti kriminali, inkluż appoġġ emozzjonali u psikoloġiku u pariri marbuta ma' kwistjonijiet legali, finanzjarji u prattiċi, kif ukoll ma' riskji ta' aktar vittimizazzjoni. Huwa x-xogħol ta' kuljum tal-persunal tas-servizzi ta' appoġġ għall-vittmi fl-UE kollha, inklużi l-voluntiera, li jikkontribwixxi b'mod kruċjali biex jagħmel id-drittijiet ta' aċċess għall-ġustizzjoni tal-vittmi realtà.

L-aċċess għal dan it-tip ta' servizzi jiddetermina l-abbiltà tal-vittmi tal-kriminalità biex jeżerċitaw id-dritt tagħhom għal aċċess effettiv għall-ġustizzja, kif stipulat fl-Artikolu 47 dwar "Id-dritt għal rimedju effettiv u għal proċess imparzjali" tal-Karta

tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (UE). Id-dritt tal-vittmi li jaċċessaw il-ġustizzja hu bbażat b'mod sod mhux biss fuq il-liġi primarja u sekondarja tal-UE, iżda wkoll fuq strumenti tal-Kunsill tal-Ewropa u n-Nazzjonijiet Uniti (NU), kif ukoll fuq leġiżlazzjoni nazzjonali. Dan id-dritt, madankollu, isir realtà prattika biss meta l-vittmi jkunu konxji li dan it-tip ta' appoġġ jeżisti u jkollhom għajna biex jużawh. Id-Direttiva dwar il-Vittmi (Direttiva 2012/29/UE) hija pass kbir fl-quddiem għall-vittmi tal-kriminalità.

Dan is-sommarju jiddeskrivi s-sejbiet tar-riċerka tal-Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) dwar servizzi ta' appoġġ għal vittmi tal-kriminalità fl-UE minn perspettiva ta' drittijiet fundamentali. Jagħti ħarsa ġenerali dwar kif il-provvista ta' servizz ta' appoġġ għall-vittmi fit-28 Stat Membru tal-UE fil-prattika titqabbel mal-objettivi u l-miri għall-appoġġ tal-vittmi stipulati mid-Direttiva dwar il-Vittmi. Il-fokus huwa fuq l-Artikoli 8 u 9 tad-direttiva, li huma dwar servizzi ta' appoġġ, għalkemm dispożizzjonijiet oħra relatati huma ikkunsidrati wkoll.

Sejbiet ewlenin u pariri bbażati fuq l-evidenza

Is-servizzi ta' appoġġ għall-vittmi żviluppaw b'modi differenti fit-28 Stat Membru tal-UE. Id-dejta li ġabret il-FRA tittraċċja l-passi, perspettivi, kuntesti u mudelli organizzattivi differenti li qed jaħdmu fl-evoluzzjoni ta' servizzi bħal dawn fl-Istati Membri. Dawn l-isfondi varji sawru n-natura u l-ambitu tas-servizzi offruti. Għal xi Stati Membri dan ifisser li t-tqegħid

tad-Direttiva dwar il-Vittmi fil-prattika se jippreżenta sfida. Ir-riċerka tal-FRA identifikat għadd ta' oqsma b'mod partikolari, li fihom l-Istati Membri bħalissa ma jilhqax ir-rekwiżiti tad-Direttiva dwar il-Vittmi. Waħda mill-akbar sfidi hija l-obbligu li jkun żgurat li l-vittmi kollha jkollhom aċċess għal servizzi ta' appoġġ skont il-ħtiġijiet tagħhom. Għalhekk

għandu jsir aktar biex ikun żgurat li l-objettivi tad-direttiva jintlaħqu.

Li l-vittmi attwalment ma jeżerċitawx jew ma jistgħux jeżerċitaw bis-sħiħ id-drittijiet tagħhom huwa enfasizzat mil-livell ta' nuqqas ta' rappurtar li kixfet riċerka preċedenti tal-FRA. Fl-erba' servejs fuq skala kbira tagħha dwar il-vittimizazzjoni ta' minoranzi, persuni LGBT, reati antisemitiċi u vjolenza kontra n-nisa, pereżempju, ir-riżultati konsistentement urew li ħafna vittmi ma jirrapportawx reati kriminali lill-pulizija. Filwaqt li dawn l-erba' servejs ħarsu lejn is-sitwazzjoni ta' kategoriji speċifiċi ta' vittmi (bħal nisa vittmi tal-vjolenza), is-sejbiet mikxufa (pereżempju dwar nuqqas ta' rappurtar) huma ta' spiss rilevanti għal vittmi tal-kriminalità b'mod aktar ġenerali, u għalhekk ċerti sejbiet ta' applikabbiltà aktar ġenerali huma enfasizzati fir-rapport.

Minkejja l-isfidi li jibqa', l-evidenza tal-FRA turi wkoll ħafna żviluppi pożittivi u Prattiki promettenti. Filwaqt li dawn il-prattiki jistgħu jispiraw aktar żvilupp fil-livell nazzjonali kif ukoll dak tal-UE, il-kuntesti storiċi u kulturali differenti li fihom saru ma jistgħux ikunu enfasizzati biżżejjed. Dawn id-differenzi għandhom jitqiesu meta tiġi kkunsidrata l-fattibbiltà tat-trasferiment ta' mudelli u soluzzjonijiet bejn il-fruntieri.

Skont is-sejbiet tagħha l-FRA ifformulat opinjonijiet li jissuġġerixxu miżuri konkreti li l-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri jistgħu jieħdu biex itejbu s-servizzi ta' appoġġ tal-vittmi.

Id-drittijiet tal-vittmi fil-liġi Ewropea u nazzjonali

Minn perspettiva leġiżlattiva, is-salvagwardji li jipproteġu d-drittijiet tal-vittmi jidhru f'oqsma u livelli varji, li jvarjaw minn liġi primarja tal-UE għal atti legalment mhux vinkolanti fil-livell nazzjonali. Flimkien dawn is-sorsi jiffurmaw korp rispettabbli ta' miżuri leġiżlattivi u miżuri oħra li għandhom l-għan li jipprovdu l-vittmi bid-dritt fundamentali tagħhom għal aċċess għall-ġustizzja. Madankollu, l-interpretazzjoni ta' kemm preċiżament il-ġustizzja għandha tkun magħmula aċċessibbli għall-vittmi tvarja skont l-Istat Membru tal-UE, parzjalment minħabba l-kunċetti storiċi diverġenti tar-rwol tal-vittma fi proċedimenti kriminali. Dawn id-differenzi mbagħad jissarrfu f'approċċi differenti għall-appoġġ tal-vittmi.

GĦODOD UTILI GĦALL-VITMI TAL-KRIMINALITÀ

L-appoġġ ta' vittmi tal-kriminalità permezz tal-applikazzjonijiet tal-mowbajl

Gwida tal-Qorti (*domstolsguiden*), l-Isvezja

Din l-applikazzjoni tal-mowbajl tipprovdi dettalji dwar l-interjur tal-awla u r-rwoli tal-atturi rispettivi waqt il-proċedimenti. L-applikazzjoni tal-mowbajl għandha vidjos li juru kif taħdem il-proċedura tal-qorti. Tinkludi "court locator" b'dettalji dwar il-ħinijiet ta' ftuħ, kif tasal u kif tikkuntattja l-qorti.

Ara: www.domstol.se/Ladda-ner--bestall/Domstolsguiden/

Zaragoza Belt tal-Ġustizzja (*Ciudad de la Justicia Zaragoza*), Spanja

Din l-applikazzjoni tal-mowbajl, żviluppata mill-gvern reġjonali ta' Aragona fi Spanja, hija mmirata għall-pubbliku ġenerali u ġuristi. L-applikazzjoni tipprovdi l-post ta' kumpless ta' qorti ġdid fil-belt u skeda tas-smigħ, u tagħti twissijiet biex tgħarraf lin-nies meta jispiċċaw il-kawżi.

L-għodda hija disponibbli minn: <https://itunes.apple.com/es/app/ciudad-de-la-justicia/id642741128?mt=8> (iOS) <https://play.google.com/store/apps/details?id=es.ciudadjusticiazaragoza> (Android)



F'dan l-isfond, azzjoni fuq livell ta' UE konġunta għamlet sforzi biex tistipula standards minimi komuni għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-vittmi. Żvilupp importanti u prekursor tad-Direttiva dwar il-Vittmi kienet id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2001/220/ĠAI tal-15 ta' Marzu 2001 dwar il-pożizzjoni tal-vittmi fi proċedimenti kriminali. L-Istati Membri tal-UE kienu mitluba jadattaw il-leġiżlazzjoni tagħhom f'konformità mad-Deċiżjoni Qafas sal-2006. Kien rikonoxxut sew, inkluż mill-Kummissjoni Ewropea, madankollu, li din il-leġiżlazzjoni ma kinitx implimentata sew. Mid-dħul fis-seħħ tad-Direttiva dwar il-Vittmi, għalhekk, il-fokus kien fuq l-implimentazzjoni effettiva¹.

Prattika promettenti

L-iffaċilitar tal-implimentazzjoni effettiva tad-drittijiet tal-vittmi skont il-liġi tal-UE: id-dokument ta' gwida tal-Kummissjoni Ewropea

Biex ikunu f'faċilitati t-traspożizzjoni u l-implimentazzjoni effettivi u f'waqthom tad-Direttiva dwar il-Vittmi, il-Kummissjoni Ewropea ppreparat dokument ta' gwida biex jassisti l-Istati Membri tal-UE jaslu għal għarfien komuni tad-dispożizzjonijiet tagħha.

Ara: http://ec.europa.eu/justice/criminal/files/victims/guidance_victims_rights_directive_en.pdf

Il-garanzija tad-dritt tal-vittmi li jaċċessaw servizzi ta' appoġġ u għal rimedju effettiv

L-aċċess effettiv tal-vittmi għall-ġustizzja jiddependi fil-biċċa l-kbira fuq id-disponibbiltà ta' servizzi ta' appoġġ għall-vittmi. Il-ħtieġa li l-vittmi jiġu pprovduti b'sett ta' servizzi li jistgħu jippermettulhom igawdu d-drittijiet tagħhom hija enfasizzata mir-riċerka tal-FRA dwar ir-rappurtar tal-esperjenzi tal-kriminalità tal-persuni. Riżultati dwar, pereżempju, esperjenzi ta' reati ta' mibegħda fis-servej tal-EU-MIDIS u dwar mudelli ta' rappurtar fis-servej dwar il-vjolenza kontra n-nisa, juru li huwa meħtieġ titjib biex ikun inkoraġġit ir-rappurtar.

L-interpretar inklussiv ta' "vittma"

Il-kunċettwalizzazzjoni tal-vittma fil-qafas normattiv (legali u kulturali), u r-rwol li l-vittma jidher li għandu fil-proċediment kriminali jiddependi ħafna fuq l-iżvilupp storiku tal-qafas legali f'kull Stat Membru individwali, u b'konsegwenza jinfluenza l-kunċettwalizzazzjoni tas-servizzi ta' appoġġ għall-vittmi. L-approċċi differenti għad-drittijiet tal-vittmi jirriflettu għarfien differenti tal-kunċett ta' "vittma" innifsu. Din il-varjeta' tibqa' minkejja li l-leġiżlazzjoni tal-UE għall-vittmi tal-kriminalità ilha stabbilita mill-2001.

Minħabba li d-direttiva tistabbilixxi standards ogħla f'numru ta' oqsma aktar mid-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill, id-definizzjonijiet tal-kunċetti rilevanti fil-liġi nazzjonali, jew l-interpretazzjonijiet tagħhom, għandhom jirriflettu dan l-iżvilupp b'mod xieraq. Is-sejbiet tal-FRA jissuġġerixxu li l-leġiżlazzjoni ta' xi Stati Membri tal-UE tista' teħtieġ emendi f'dan ir-rigward biex issir konformi mad-Direttiva dwar il-Vittmi. Għadd ta' Stati Membri, pereżempju, jiddefinixxu t-terminu "vittma" b'mod dejjaq fil-leġiżlazzjoni tagħhom, u jeskludu vittmi "indiretti" bħal membri familjari. Xi Stati Membri jonqsu milli fil-fatt jiddefinixxu t-terminu.

Allokazzjoni ta' biżżejjed riżorsi

Ċerti obbligi ġodda, kif ukoll dispożizzjonijiet mhux obligatorji tad-Deċiżjoni Qafas li d-Direttiva dwar il-Vittmi tagħmel obligatorji, se jeħtieġu li l-Istati Membri tal-UE jinvestu aktar f'persunal, tagħmir jew faċilitajiet. Dawn jinkludu, pereżempju, li jkun żgurat li ż-żoni fejn jistennew il-vittmi fil-qorti jkunu separati minn dawk tal-akkużati. L-Istati Membri għandhom jiksibu wkoll it-teknoloġija meħtieġa għal links tal-vidjos u reġistrazzjonijiet tal-vidjo, jipprovdut taħriġ obligatorju għal prattikanti primarji bħal pulizija u persunal tal-qorti u jżguraw li l-vittmi jkunu assessjati individwalment biex ikunu identifikati l-ħtiġijiet ta' protezzjoni speċifiki tagħhom.

¹ Ara l-Komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni Ewropea tal-2004 u l-2009 dwar il-pożizzjoni tal-vittmi fi proċedimenti kriminali (COM(2004) 54 final/2 u COM(2009) 166 final), kif ukoll il-valutazzjoni tal-impatt tal-2011 li takkumpanja l-proposta tal-Kummissjoni għal direttiva li tistabbilixxi standards minimi dwar id-drittijiet, appoġġ u protezzjoni ta' vittmi tal-kriminalità (SEC(2011) 780 final).

Opinjoni tal-FRA

L-Istati Membri tal-UE għandhom jiżguraw il-provvista effettiva ta' u l-aċċess għal servizzi ta' appoġġ biex jikkonformaw mad-Direttiva dwar il-Vittmi u biex jilhqgħu l-obbligi skont l-Artikolu 47 tal-Karta. Meta jimplementaw id-Direttiva dwar il-Vittmi, l-Istati Membri tal-UE għandhom jikkunsidraw l-Artikolu 47 u ġurisprudenza tal-QEDB rilevanti biex jivvalutaw id-drittijiet tal-vittmi biex jipparteċipaw b'mod attiv fi proċedimenti kriminali, bħad-dritt li tinstema' u d-dritt li tipprovdvi evidenza.

Id-Direttiva dwar il-Vittmi teħtieġ li l-membri familjari ta' vittma jkunu inklużi fid-definizzjoni ta' vittma (b'rabta ma' vittmi li l-mewt tagħhom hija l-kawża diretta ta' reat kriminali) biex huma wkoll ikollhom aċċess għas-servizzi ta' appoġġ għall-vittmi skont il-ħtiġijiet tagħhom u l-grad ta' ħsara mġarrab bħala riżultat tar-reat kriminali imwettaq kontra l-vittma. Il-frażi "membri familjari", kif ukoll frażijiet ewlenin oħra, bħal "partikolarment vulnerabbli", għandhom għalhekk ikunu interpretati b'mod wiesa' biex ma tiġix ristretta mingħajr ħtieġa l-lista ta' detenturi tad-drittijiet potenzjali.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jikkonformaw mal-obbligi ġodda tad-Direttiva dwar il-Vittmi dwar it-taħriġ ta' pulizija u persunal tal-qorti, bil-provvista ta' valutazzjonijiet individwali tal-vittmi u jkun żgurati li hemm żoni fejn jistennew separati għall-vittmi fpostijiet ta' qorti ġodda. L-Istati Membri tal-UE għandhom jagħmlu disponibbli r-riżorsi addizzjonali meħtieġa biex jiġu implimentati miżuri bħal dawn sal-iskadenza tat-traspożizzjoni.

Aspetti ta' appoġġ tal-vittmi

Id-Direttiva dwar il-Vittmi twitti t-triq għal fehim wiesa' ta' appoġġ tal-vittmi li jmur lil hinn mill-funzjonijiet previsti fl-Artikoli 8 u 9 tagħha. Hi tiġbor fiha numru ta' drittijiet li l-istat għandu jiggarantixxi, iżda huma mfassla biex jinvolvu aktar atturi tas-sistema ta' appoġġ tal-vittmi. Tabilħaqq, id-dritt għal għajna legali, riferiment ta' vittmi fost suġġetti rilevanti varji, jew drittijiet fi smiġh biex jiproteġu l-vittma kontra vittimizzazzjoni sekondarja, jikkontribwixxu għal sistema komprensiva u funzjonali ta' appoġġ għall-vittmi. Madankollu, din is-sistema ma tistax taħdem bis-sħiħ mingħajr l-involvement ta' numru ta' atturi mhux statali.

L-appoġġ għall-vittmi huwa parzjalment ibbażat fuq id-disponibbiltà legali tad-drittijiet tal-vittmi. L-appoġġ għall-vittmi provdut b'mod partikolari waqt proċedimenti tal-qorti jiddependi fuq ir-rwol attribwit lill-vittmi u fuq il-pożizzjoni legali tagħhom f'dawn il-proċedimenti. Aktar ma vittma tgawdi drittijiet biex taġixxu bħala parti minn proċedimenti kriminali, aktar huwa importanti li servizz ta' appoġġ jagħti l-pariri u jinkoraġġixxi l-vittmi biex iwettqu dak ir-rwol fl-aħjar interess tagħhom.

Is-sejbiet tal-FRA jikxfu wkoll l-importanza ta' strumenti u prattiki ta' "liġi mhux vinkolanti". Il-leġislazzjoni tirrappreżenta biss parti mill-istampa ġenerali tal-appoġġ għall-vittmi fl-Istati Membri tal-UE u ma tiggarrantix fiha nnifisha, mingħajr applikazzjoni xierqa, id-drittijiet tal-vittmi. Hemm numru ta' strumenti u politiki mhux legalment vinkolanti li jikkomplementaw b'suċċess jew, f'xi oqfsa nazzjonali, saħansitra jissostitwixxu l-leġislazzjoni.

L-għajna legali ssir disponibbli

Għalkemm disponibbli għal ħafna mill-vittmi fil-maġġoranza tal-Istati Membri tal-UE, is-sejbiet tal-FRA juru li l-kisba ta' għajna legali hija ta' spiss ikkundizzjonata fuq, pereżempju, test ta' mezzi ekonomiċi (biex jkunu ddeterminati dawk li huma finanzjarjament eliġibbli għal assistenza legali b'xejn) jew fuq residenza legali. Filwaqt li dawn il-kundizzjonijiet jistgħu jkunu ġustifikabbli, dawn jistgħu jirrappreżentaw ostakli burokratiċi diffiċli, partikolarment fejn l-għajna legali hija meħtieġa malajr biex tiggarrantixxi d-drittijiet tal-vittma. Xi standards globali jirrakkomandaw ukoll użu aktar ristrettiv ta' ttestjar tal-mezzi. Il-Linji Gwida tan-Nazzjonijiet Uniti tal-2012 u l-Prinċipji dwar l-Aċċess għal Għajna Legali f'Sistemi ta' Ġustizzja Kriminali jistipulaw, pereżempju, li t-tfal għandhom dejjem ikunu eżentati minn ittestjar bħal dan.

L-iżgurar ta' sistemi ta' taħriġ effettivi

L-introduzzjoni ta' sistema effettiva ta' taħriġ tal-prattikant, bħalma jitlob l-Artikolu 25 tad-Direttiva dwar il-Vittmi, hija objettiv fit-tul. Is-sejbiet tal-FRA juru li xi Stati Membri tal-UE jenfasizzaw it-taħriġ għal gruppi speċifiċi ta' vittmi. Oħrajn jagħmlu t-taħriġ disponibbli iżda mhux obligatorju għal uffiċjali li probabbilment se jiġu fkuntatt ma' vittmi, bħall-pulizija u l-persunal tal-qorti. L-Istati Membri tal-UE huma għalhekk inkoraġġuti biex iżidu l-kapaċità ta' taħriġ tagħhom u jqajmu kuxjenza fost il-prattikanti tal-ġustizzja kriminali dwar il-ħtiġijiet ta' gruppi speċifiċi ta' vittmi. Huma nkorraġġuti jinvolvu servizzi ta' appoġġ għall-vittmi ta' NGO fejn hu prattiku.

Il-provvista ta' informazzjoni, inklużi riferimenti għal servizzi ta' appoġġ

Il-provvista f'waqtha ta' informazzjoni preċiża dwar id-drittijiet tal-vittmi li jitlob il-Kapitolu 2 tad-Direttiva dwar il-Vittmi hija essenzjali biex tagħti s-setgħa lill-vittmi biex jużaw id-drittijiet tagħhom u anke turihom l-aktar servizzi ta' appoġġ adattati. Nuqqas ta' informazzjoni tirrappreżenta mhux biss ostaklu serju għat-tgawdija tad-drittijiet tal-vittmi, iżda r-riċerka fuq is-sodisfazzjon tal-vittmi bis-servizzi ta' appoġġ identifikat kemm-il darba n-nuqqas ta' informazzjoni bħala sors primarju ta' nuqqas ta' sodisfazzjon bi proċedimenti kriminali, u wieħed li jiskoraġġihom milli jipparteċipaw b'mod attiv². Miżuri mmirati biex iżidu l-kuxjenza tal-vittmi fir-rigward tad-drittijiet tagħhom huma għalhekk importanti daqs l-aċċess għall-informazzjoni speċifika għal każ individwali. Eżempji ta' prattika tajba enfasizzati f'dan ir-rapport juru li kooperazzjoni mill-qrib bejn awtoritajiet kompetenti u organizzazzjonijiet ta' appoġġ tal-vittmi jistgħu jiffaċilitaw ir-riferimenti.

L-indirizzar tan-nuqqas ta' rappurtar mill-vittmi

Ir-riċerka tal-FRA – inklużi erba' servejs fuq skala kbira dwar il-vittimizazzjoni ta' minoranzi, persuni LGBT, reati antisemitiċi u vjolenza kontra n-nisa – konsistentement turi li ħafna vittmi ma jirrappurtawx reati lill-pulizija. Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tas-6 ta' Diċembru 2013 dwar il-ġlieda kontra r-reati ta' mibegħda fl-UE u l-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2014 dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-forom kollha ta' vjolenza kontra n-nisa u l-bniet jenfasizzaw dawn is-sejbiet. Il-vittmi jistgħu, madankollu, javviċinaw persuni jew organizzazzjonijiet oħra. Sejbiet mis-servej tal-FRA dwar il-vjolenza kontra n-nisa juru li hemm aktar probabbiltà li l-vittmi ta' vjolenza domestika jikkuntattjaw tobbja u istituzzjonijiet tal-kura tas-saħħa milli kwalunkwe organizzazzjoni professjonali jew NGO oħra. Għalhekk dawn il-professjonisti jista' jkollhom rwol kruċjali fl-identifikazzjoni u l-provvista ta' appoġġ inizjali għall-vittmi. Madankollu l-evidenza turi wkoll li tobbja u professjonisti kliniċi oħra rarament ikunu mħarrġa għal reazzjoni effettiva għal vjolenza domestika. Għalhekk inizjattivi ta' taħriġ u informazzjoni għal professjonisti tal-kura tas-saħħa jistgħu jitqiesu prattiki promettenti, b'mod speċjali minħabba li 87 % mit-42,000 mara li pparteċipaw fis-servej fl-istudju tal-FRA dwar il-vjolenza kontra n-nisa qalu li kieku jilqgħu pożittivament aktar mis-toqsijiet mit-tobbja jekk juru sinjali ta' abbuż.

GĦODOD UTLI GĦALL-VITTM TAL-KRIMINALITÀ

Portal Ewropew tal-Ġustizzja Elettronika: paġni speċjali għall-vittmi tal-kriminalità



Il-Portal Ewropew tal-Ġustizzja Elettronika huwa kkonċeput bħala punt ta' waqfa waħda elettroniku fil-qasam tal-ġustizzja, u jistinka biex jagħmel il-ħajja tan-nies fl-UE aktar faċli billi jipprovdi informazzjoni dwar sistemi tal-ġustizzja u jtejjeb l-aċċess għall-ġustizzja fl-UE kollha fl-24 lingwa uffiċjali tal-UE.

Ara: https://e-justice.europa.eu/content_victims_of_crime-65-en.do

² Ara pereżempju: Sims, L. and Myhill, A. (2001), *Policing and the Public: Findings from the 2000 British Crime Survey*. Home Office Research Findings No. 136, London, Home Office and Wemmers, J. (1999), 'Victim notification and public support for the criminal justice system', *International Review of Victimology*, Vol. 6, No. 3.

Opinjoni tal-FRA

Għajjuna legali ggarantita skont l-Artikolu 13 tad-Direttiva dwar il-Vittmi għandha tkun disponibbli għall-vittmi li huma parti minn proċedimenti kriminali bl-istess mod li attwalment hija disponibbli għall-akkużati. Ostakli burokratiċi, bħal proċedimenti fit-tul jew ittestjar ta' mezzi ekonomiċi, għandhom jiġu identifikati u mneħħija. L-ittestjar tal-mezzi jista' jkun li mhux dejjem ikun f'konformità mal-linji gwida tan-NU.

Riformi tal-liġi għandhom jimmiraw għal inklużjoni aħjar tal-vittmi fis-sistema ta' ġustizzja kriminali. Il-vittmi għandhom ikunu jistgħu jieħdu rwol aktar sinifikanti fil-proċedimenti kriminali, kif stipulat f'Kapitolu 3 tad-Direttiva dwar il-Vittmi. Il-prattikanti tal-ġustizzja kriminali jistgħu jappoġġjaw dan il-proċess, jiggwidaw il-vittmi fil-proċedimenti, jgħinuhom jifhmu l-leġiżlazzjoni u jagħrfu bis-siġħ l-implikazzjonijiet prattiċi tagħha. Dan il-proċess ikun mgħejjun ħafna bit-taħriġ tal-prattikanti tal-ġustizzja kriminali.

L-Istati Membri tal-UE għandhom jintroduċu miżuri li jiżguraw li l-vittmi, fl-istadji kollha tal-proċess, għandhom aċċess għal informazzjoni dwar id-drittijiet tagħhom u s-servizzi ta' appoġġ disponibbli, kif ukoll l-informazzjoni rilevanti dwar il-każ. L-Istati Membri tal-UE għandhom jikkunsidraw b'mod partikolari li jistabbilixxu sistema ta' riferimenti effettiva li tiggwida l-vittmi fis-sistema ta' servizz ta' appoġġ.

Bħala mezz biex il-vittmi jkunu nkoraġġuti jirrapportaw ir-reati u biex dan ir-rappurtar ikun iffaċilitat, l-Istati Membri tal-UE għandhom jiżguraw li informazzjoni dwar servizzi ta' appoġġ tal-vittmi u d-drittijiet tal-vittmi hija aċċessibbli u magħmula disponibbli għall-vittmi mill-awtoritajiet kollha u s-servizzi pubbliċi li jikkuntattjaw il-vittmi, inklużi fornituri ta' servizzi mediċi, u li l-persunal ta' dawn l-organizzazzjonijiet huwa mħarreġ biex jittratta mal-vittmi b'mod informat u b'simpatija.

Għodod utli għall-vittmi tal-kriminalità

Ir-rappurtar ta' reati bil-mowbajl: applikazzjonijiet tal-mowbajl utli għall-vittmi tal-kriminalità

Guardia civil (GDT), Spanja


Din l-applikazzjoni tal-mowbajl, żviluppata mill-unità taċ-Ċiberkriminalità tal-Gwardja Ċivili Spanjola (Guardia Civil), toffri żewġ servizzi differenti: wieħed huwa li tinforma l-utenti tagħha bi frodi u reati li attwalment qed isiru on-lajn, l-ieħor jippermetti liċ-ċittadini biex jirrapportaw b'mod anonimu atti kriminali potenzjali. L-applikazzjoni toffri wkoll il-postijiet tal-eqreb stazzjonijiet tal-Gwardja Ċivili.



L-għodda hija disponibbli minn:
<https://market.android.com/details?id=es.guardiacivil.gdt> (Android)
<http://itunes.apple.com/es/app/gdt/id441712875?mt=8&ls=1> (iOS)

Uffiċċju tal-Prosekutur tad-Distrett Federali (Procuraduría General de Justicia del Distrito Federal), Messiku

Din l-għodda tippermetti li jsir ir-rappurtar anonimu ta' reati u t-telf ta' karti ta' identifikazzjoni nazzjonali jew passaporti. Tipprovdi wkoll informazzjoni utli dwar kwistjonijiet ta' ġustizzja kriminali, bħal informazzjoni kif tikkuntattja l-Uffiċċji tal-Prosekuturi.



L-għodda hija disponibbli minn:
<http://www.pgjdf.gob.mx/index.php/servicios/enlinea/aplicacionpgjcdmx>;
<https://play.google.com/store/apps/details?id=com.tr3sco.pgjdf> (Android)
<https://itunes.apple.com/us/app/pgjcdmx/id830812886?ls=1&mt=8> (iOS)
<http://appworld.blackberry.com/webstore/content/31955/> (Blackberry)

Servizzi ta' appoġġ għall-vittmi fi Stati Membri tal-UE

Xi dettalji speċifiċi li jirregolaw id-dispożizzjoni tal-appoġġ għall-vittmi jistgħu jinkisbu mill-Artikoli 8 u 9 tad-Direttiva dwar il-Vittmi. Dawn il-prinċipji jservu bħala parametri, jew tal-anqas bħala punti ta' referenza, meta jiġu stabbiliti servizzi ta' appoġġ għall-vittmi jew jiġu aċċessati s-servizzi li attwalment joffri xi Stat Membru tal-UE³. S'issa jipprevalu differenzi kbar fir-rigward tal-estent u l-kapaċità tas-servizz tas-servizzi ta' appoġġ għall-vittmi fl-Istati Membri.

Meta niġu għall-istabiliment jew żvilupp ta' sistema ta' organizzazzjonijiet li jipprovdu appoġġ għall-vittmi, l-Artikolu 8 tad-Direttiva dwar il-Vittmi jagħmilha ċara li l-Istati Membri għandhom aktar minn mudell organizzattiv wieħed disponibbli għalihom. Is-servizzi ta' appoġġ għall-vittmi jistgħu jiġu stabbiliti bħala organizzazzjonijiet pubbliċi jew bħala organizzazzjonijiet mhux governattivi (NGOs), jistgħu jkunu organizzati fuq bażi professjonali jew volontarja, u servizzi speċjalisti jistgħu jiġu pprovduti flimkien ma', jew bħala parti integrata ta', servizzi ta' appoġġ għall-vittmi ġenerali. Mudelli ta' Stati Membri jvarjaw skont l-attur tal-istat responsabbli mis-sorveljanza tas-servizzi ta' appoġġ, metodi ta' finanzjament, id-distribuzzjoni ġeografika tas-servizzi u l-estent ta' kemm is-servizzi joqogħdu fuq ix-xogħol ta' voluntiera minflok ta' persunal permanenti.

L-għażla ta' gvern dwar jekk jistabbilixxi organizzazzjoni pubblika jew irawwem inizjattivi privati li jappoġġjaw il-bini tal-kapaċità tas-soċjetà ċivili mhijiex biss kwistjoni organizzattiva u teknika. Din tmiss fuq aspetti politiċi, bħall-valur għall-komunità ta' saff ta' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jimmedja l-involviment taċ-ċittadini fi kwistjonijiet ta' interess pubbliku. Fl-aħħar il-kwistjoni hija marbuta ma' għarfien bażiku dwar kif soċjetà demokratika għandha tkun mibnija – jekk tinkludix sfera pubblika li tibqa' – parzjalment – f'idejn organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li huma appoġġjati u sorveljati iżda mhux ikkontrollati mill-gvern. Kunsiderazzjonijiet simili japplikaw ukoll għall-mistoqsija dwar jekk ikunux involuti voluntiera f'organizzazzjonijiet ta' appoġġ għall-vittmi.

³ Il-QtĠ-UE huwa l-uniku istituzzjoni intitolat biex jinterpreta b'mod awtorevoli l-liġi tal-UE u għalhekk biex jiddeċiedi jekk l-Artikolu 8 tad-Direttiva dwar il-Vittmi għandux jinqara bħala obbligu ta' riżultat jew ta' mezz, fil-każ tal-aħħar jitlob il-gvernijiet biex jieħdu, bid-diliġenza mistħoqqa, il-passi raġonevoli kollha disponibbli għalihom taħt iċ-ċirkostanzi attwali, bil-ħsieb li progressivament u fiż-żmien xieraq jistabbilixxu sistema komprensiva ta' servizzi ta' appoġġ għall-vittmi.

Irrispettivament mill-mudell magħżul, il-gvernijiet għandhom jiżguraw ċerti funzjonijiet, inklużi l-koordinazzjoni ta' servizzi eżistenti, inċentivi għall-iżvilupp ta' servizzi li jistgħu jkunu nieqsa, id-definizzjoni ta' standards għall-provvista ta' appoġġ għall-vittmi u deċiżjonijiet marbuta mal-finanzjament ta' servizzi ta' appoġġ.

Kwalunkwe partiġġjaniżmu organizzattiv ta' servizz ta' appoġġ għall-vittmi għandu jkun viżibbli u kredibbli. Is-servizzi ta' prova jidhru, għalhekk, mhux tajbin biex jagħmlu l-funzjonijiet ta' appoġġ għall-vittmi, anke jekk ikunu stabbiliti sottotaqsimiet organizzattivi li jkunu strettament separati. Il-persunal ikun madankollu ssuspettat li qed iġorr l-interessi ġenerali tal-organizzazzjoni f'moħħu. Dan jista' potenzjalment ifixxkel il-fiducia tal-vittmi kif ukoll tat-trasgressuri fid-determinazzjoni ta' membri tal-persunal li, kulant, jagħtu kas esklussivament l-interessi tagħhom. Kunsiderazzjonijiet simili jimmitaw favur is-separazzjoni tas-servizzi ta' appoġġ għall-vittmi minn servizzi ta' medjazzjoni bejn vittma u trasgressur.

Minkejja d-differenzi, is-sejbiet tal-FRA jindikaw xi temi emerġenti. Il-maġġoranza tal-Istati Membri tal-UE jqassmu r-responsabbiltà għas-servizzi ta' appoġġ fost għadd ta' ministeri. Ħafa jiddependu wkoll fuq il-kooperazzjoni bejn entitajiet pubbliċi u privati biex jipprovdu appoġġ għall-vittmi ġeneriku. L-iktar mudell komuni fir-rigward tad-distribuzzjoni ġeografika ta' servizzi ta' appoġġ ġeneriċi huwa dak ta' reġjonalizzazzjoni b'saħħitha, irrispettivament mid-daqs tal-Istat Membru jew in-natura pubblika jew privata tal-fornitur tas-servizz ewlieni. Il-voluntiera huma aktar mill-persunal permanenti f'ħafna mill-Istati Membri, filwaqt li l-kompiti u taħriġ tagħhom ivarjaw mhux biss skont in-natura tal-fornitur tas-servizz iżda anke skont l-iżvilupp storiku tal-volontarjat fil-pajjiż inkwistjoni.

Filwaqt li l-Istati Membri jistgħu jkunu jixtiequ li jikkunsidraw l-esperjenzi ta' Stati Membri oħra meta jistabbilixxu, jestendu jew isaħħu sistema ta' servizzi ta' appoġġ għall-vittmi, valutazzjoni bir-reqqa tat-trasferibbiltà ta' mudelli u soluzzjonijiet minn Stat Membru wieħed għall-ieħor hija meħtieġa. Għandhom jiġu kkunsidrati għadd ta' aspetti. Dawn jistgħu jinkludu differenzi kulturali marbuta mat-tradizzjonijiet ta' inizjattivi privati u involviment fi kwistjonijiet ta' interess komuni, jew il-prontezza taċ-ċittadini li jimpenjaw ruħhom f'xogħol volontarju.

Dak li wieħed jista' jitgħallem mid-diversità organizzattiva prevalenti huwa li ma hemmx twegjibiet definittivi dwar liema huma l-aħjar soluzzjonijiet. Ta' spiss ikun hemm argumenti sodi li jipponaw lejn direzzjonijiet varji.

Mudelli ewlenin ta' appoġġ għall-vittmi

Huwa possibbli li niddistingwu bejn tliet mudelli ewlenin ta' servizzi ta' appoġġ għall-vittmi ġeneriċi fl-Istati Membri tal-UE. Hemm distinzjoni bejn in-natura (mhux) governattiva u sorsi ta' finanzjament tal-fornitur tal-appoġġ ġeneriku ewleni. It-tabella t'haawn taħt turi l-mudell prevalenti f'kull Stat Membru.

	1. Mill-anqas fornitur/struttura ewlenija ġenerika nazzjonali waħda hija mmexxija u finanzjata mill-istat	2. Mill-anqas fornitur/struttura ewlenija ġenerika nazzjonali waħda hija mhux governattiva iżda tiddependi ħafna fuq finanzjament mill-istat.	3. Mill-anqas fornitur/struttura ewlenija ġenerika nazzjonali waħda hija mhux governattiva iżda ma tiddependix ħafna fuq finanzjament mill-istat.
AT			✓
BE	✓		
BG			
CY			
CZ	✓		
DE			✓
DK		✓	
EE	✓		
EL			
ES	✓		
FI		✓	
FR		✓	
HR	✓		
HU	✓		
IE		✓	
IT			
LT			
LU	✓		
LV			
MT		✓	
NL		✓	
PL		✓	
PT		✓	
RO			
SE		✓	
SI			
SK			✓
UK		✓	
Total	7	10	3

Nota: It-tabella tirreferi għal dawk l-Istati Membri tal-UE b'tal-anqas servizz ta' appoġġ tal-vittmi ġeneriku nazzjonali wieħed. Mir-riċerka jidher li ma hemmx servizzi ta' appoġġ tal-vittmi ġeneriċi (li huma mmirati għall-vittmi kollha u mhux biss għal kategoriji speċifiċi ta' vittmi) fil-Bulgarija, Ċipru, il-Greċja, l-Italja, il-Litwanja, il-Latvja, ir-Rumanija u l-Islowenja). Żoni kkuluriti bl-oranġjo jindikaw li ma jeżisti l-ebda servizz ta' appoġġ għall-vittmi ġeneriku.

Sors: FRA, 2014, ara wkoll: <http://fra.europa.eu/en/publications-and-resources/data-and-maps/comparative-data/victims-support-services/models>

Ir-rwol importanti tal-NGOs u d-difiża tal-vittmi tal-kriminalità

Servizzi ta' appoġġ privati ppromwovew b'mod effettiv l-interessi tal-vittmi tal-kriminalità f'diskussjonijiet pubbliċi u leġiżlattivi f'ħafna Stati Membri tal-UE.

Xi servizzi ta' appoġġ jagħmlu funzjonijiet importanti ta' difiża pubblika, inkluż vis-à-vis gvernijiet. Dawn l-NGOs jistgħu jleħñnu t-tħassib tal-vittmi b'mod awtentiku ħafna għaliex jappoġġjaw il-vittma ta' kuljum. Ħafna membri tal-persunal saħansitra jikkontribwixxu fuq bażi volontarja. F'xi

Stati Membri, assoċjazzjonijiet privati li huma indipendenti b'mod organizzattiv u finanzjarju mill-gvern jipprovdu appoġġ għall-vittmi ġeneriku. Huma ddefendew b'mod persistenti l-interessi tal-vittmi fil-pubbliku. Għalhekk, jeżistu xi indikazzjonijiet li għall-avanz tad-drittijiet tal-vittmi l-eżistenza ta' NGOs b'saħħithom u sa ċertu punt indipendenti hija sinifikanti.

L-iżgurar ta' aċċess għal appoġġ għall-vittmi ġeneriku għall-vittmi kollha

Ħafna Stati Membri jipprovdu xi forma ta' servizzi ta' appoġġ għall-vittmi ġeneriċi, u l-Istati Membri kollha jipprovdu servizzi ta' appoġġ għal mill-anqas xi gruppi ta' vittmi speċifiċi. Tmien Stati Membri, madankollu, għad iridu jstabbilixxu s-servizzi ta' appoġġ għall-vittmi ġeneriċi mitluba mill-Artikolu 8 tad-direttiva. L-Artikolu 8(5) jispeċifika aktar li l-provvista tas-servizzi ma għandhiex tkun dipendenti fuq vittma li jagħmel ilment formali. Il-finanzjament għal servizzi ta' appoġġ għandu jsir b'mod trasparenti u oġġettiv li jiżgura aċċess għal servizzi ta' appoġġ għall-vittmi għal kulħadd.

Il-provvista ta' servizzi komprensivi u kunfidenzjali

Għal servizzi ta' appoġġ effettivi l-organizzazzjoni għandha tkun imfassla bil-ħsieb li tistabilixxi fiduċja u kunfidenza mal-vittmi. Dan jista' jsir billi, pereżempju, ikun żgurat li l-vittmi ma jiġux trasferiti bejn organizzazzjonijiet u individwi (għalkemm f'xi każijiet jista' jkun meħtieġ riferiment speċjalizzat). Il-kompiti ta' servizzi ta' appoġġ għandhom ukoll jifokaw biss fuq il-provvista ta' appoġġ għall-vittmi. It-taħlit ta' appoġġ għall-vittmi ma' servizzi ta' medjazzjoni u prova, kif jagħmlu xi Stati Membri, pereżempju ma jnissilx kunfidenza biżżejjed fl-oġġettiv tal-provvista tal-appoġġ. Is-sejbiet tal-FRA juru wkoll li numru ta' Stati Membri tal-UE ma jiggarran-tixxux lill-vittmi d-dritt li jkunu akkumpanjati minn persuni għal appoġġ waqt il-proċess.

L-involvement ta' volontiera

Ir-riċerka tal-FRA turi dipendenza akbar fuq il-voluntiera, parzjalment minħabba restrizzjonijiet ekonomiċi u żieda fil-volontarjat f'għadd ta' Stati Membri tal-UE fejn tradizzjonijiet bħal dawn huma anqas b'saħħithom. Fil-waqt li s-sejbiet tal-FRA jenfasizzaw il-ħtieġa li jintlaħaq bilanċ bejn in-numru tal-voluntiera u l-persunal professjonali li jaħdmu fl-appoġġ tal-vittmi, b'mod ġenerali l-evidenza tal-FRA turi li s-sistemi ta' appoġġ għall-vittmi fil-maġġoranza kbira tal-Istati Membri jiddependu sa

ċertu punt fuq il-voluntiera. Hemm tendenza li jkun hemm provvista ta' servizzi ta' appoġġ għall-vittmi ġeneriċi oġġla f'dawk il-pajjiżi b'kultura ta' volon-tarjat li ilha teżisti.

Ir-rwol ta' organizzazzjonijiet umbrella fil-livell ta' UE

Numru konsiderevoli ta' organizzazzjonijiet jipprom-wovu fil-livell ta' UE d-drittijiet tal-vittmi tal-kriminalità b'mod ġenerali jew għal gruppi speċifiċi ta' vittmi – bħal nisa li huma vittmi tal-vjolenza. Organ-izzazzjonijiet bħal dawn jikkontribwixxu b'mod sinifikanti biex jagħmlu d-drittijiet fundamen-tali ta' persuni li jgħixu fl-UE realtà. B'mod impor-tanti, id-diversità tal-organizzazzjonijiet fil-livell ta' UE tirrifletti l-approċċi differenti għad-drittijiet tal-vittmi u għall-organizzazzjoni tal-provvista tal-appoġġ għall-vittmi kemm bejn kif ukoll fi ħdan l-Istati Membri.


GħODOD UTLI GħALL-VITTI TAL-KRIMINALITÀ

L-appoġġ għall-vittmi tal-kriminalità permezz tal-applikazzjonijiet tal-mowbajl

Din l-applikazzjoni tal-mow-bajl (*Brottsofferappen*) tip-provdi lill-vittmi tal-kriminalità b'informazzjoni. Billi tipprovdi det-talji dwar il-post tal-utent u t-tip ta' reat, l-għodda ssib l-eqreb għassa tal-pulizija u servizzi ta' appoġġ. Tipprovdi wkoll *checklist* ta' kif tirrapporta r-reat u tirrapporta d-danni.

Il-kunċett bażiku tal-applikazzjoni kien maħsub biex jipprovdi biss informazzjoni mmirata u rile-vanti – fi kliem ieħor informazz-joni speċifika għar-reat u l-post. L-informazzjoni nġabret mingħand l-awtoritajiet u organizzazzjonijiet rilevanti kollha. L-aġġornamenti għandhom jintalbu biex isiru. L-applikazzjoni swiet madwar €10,000 biex ġiet żviluppata, li koprew kemm l-aspetti tekniċi kif ukoll il-ġbir tad-dejta. L-iżvilupp attwali ħa erba' ġimgħat. Se jżiedu karatteristiċi oħra, inklużi *checklists* u funzjonijiet ta' "twiss-ja", li bihom il-post tal-utent jista' jintbagħat lil persuni magħżula. Fl-iżvilupp ta' din l-għodda l-organizzazzjoni siltet l-aktar mill-esperjenza estensiva ta' dawk li jaħdmu fi kwistjonijiet relatati ma' vittmi tal-kriminalità.

Sors: <http://brottsofferappen.org/>



Opinjonijiet tal-FRA

L-Istati Membri tal-UE li għadhom ma stabbilixxewx servizzi ta' appoġġ ġeneriċi huma nkoraġġuti li jieħdu passi urġenti biex jikkonformaw mad-Direttiva dwar il-Vittmi (Artikolu 8). Access għas-servizzi ta' appoġġ għandu jkun disponibbli għall-vittmi tal-kriminalità kollha mingħajr flas u ma għandux ikun dipendenti fuq il-fatt li l-vittma jirraporta r-reat lill-pulizija.

L-Istati Membri tal-UE għandhom jiżguraw li l-appoġġ għall-vittmi huwa kkoordinat u li r-riferiment, skont l-Artikoli 4(1) u 8(2) tad-Direttiva dwar il-Vittmi, huwa effettiv, b'mod partikolari għal ċerti gruppi ta' vittmi li jista' jkollhom bżonn ta' protezzjoni speċifika u jistgħu jaqgħu taħt il-kompetenza ta' ministeri u/jew organizzazzjonijiet ta' appoġġ differenti.

L-appoġġ għall-vittmi għandu jkun organizzat b'mod li jippermetti li l-vittmi, sa fejn hu possibbli, jibbenefikaw minn relazzjoni ta' fiduċja. Is-sistema ta' appoġġ għandha tevita li tibgħat lill-vittma minn fornitur ta' appoġġ għal ieħor fejn dan mhuwiex meħtieġ. F'dan ir-rigward huwa importanti li l-vittmi jkun jistgħu jiġu akkumpanjati għall-proċedimenti tal-qorti mill-istess persuna li tappoġġjahom qabel u wara l-fażi tas-smiġh, kif mitlub mill-Artikolu 20(c) tad-Direttiva dwar il-Vittmi.

Is-servizzi ta' appoġġ għandhom ikunu ppożizzjonati b'tali mod li jippermettilhom li jaġixxu f'kunfidenza stretta u fl-interess tal-vittma u li jiżguraw li s-servizzi ta' appoġġ jistgħu wkoll jiġu pperċepiti li jaġixxu b'tali mod. Biex jiggarantixxu din l-orjentazzjoni l-organizzazzjonijiet li jipprovdu appoġġ għall-vittmi ma għandhomx ikollhom ukoll il-kompitu li jipprovdu servizzi ta' medjazzjoni jew prova.

L-FRA tirrikonoxxi l-importanza li ċ-ċittadini jkunu nkoraġġuti biex ikunu involuti fl-eżekuzzjoni ta' kompiti pubbliċi u tirrakkomanda inizjattivi fuq livell ta' UE biex trawwem il-volontarjat, b'mod partikolari fi Stati Membri fejn ix-xogħol volontarju jista' jkun li għadu kunċett relattivament ġdid. Għandha tiġi kkunsidrata r-relazzjoni bejn in-numru ta' persunal professjonali u n-numru ta' voluntiera. B'mod partikolari l-organizzazzjonijiet li jiddependu fuq il-voluntiera għandhom jiżguraw li l-persunal permanenti joffri gwida effettiva għall-voluntiera u jissorvelja l-kwalità tax-xogħol tagħhom. Kompiti magħmula minn professjonisti jew voluntiera ta' organizzazzjonijiet ta' appoġġ għall-vittmi għandhom ikunu f'konformità mal-istandards ta' kwalità u jkunu adegwati għall-isfond professjonali tal-persuna li qed tipprovdi l-appoġġ jew parir.

L-UE għandha tkompli bl-interazzjoni u l-appoġġ tagħha għal organizzazzjonijiet ta' appoġġ għall-vittmi li jaħdmu fil-livell Ewropew, u tislet mill-kompetenzi u abbiltajiet tagħhom biex tiġbor l-aħjar prattiki u għarfien għall-membri tagħhom. Dawn il-kompetenzi jinkludu l-provvista ta' aktar assistenza fir-rigward tal-ħtieġa dejjem tiżdied għall-faċilitazzjoni transkonfinali tal-appoġġ għall-vittmi. Servizzi ġeneriċi fil-livelli ta' UE u Stati Membri għandhom jikkooperaw ma' u jisiltu mill-esperjenza vasta akkumulata minn servizzi speċjalizzati, b'mod partikolari dawk ta' organizzazzjonijiet li jappoġġjaw in-nisa li kienu vittmi tal-vjolenza.

Appoġġ għal gruppi speċifiċi ta' vittmi

Id-Direttiva dwar il-Vittmi titlob lill-Istati Membri biex jikkunsidraw il-ħtiġijiet ta' gruppi speċifiċi ta' vittmi. Il-ħtiġijiet speċifiċi għandhom l-ewwel jiġu identifikati permezz ta' valutazzjoni individwali, u mbagħad ittrattati jew permezz tal-istabbiliment ta' organizzazzjonijiet ta' appoġġ speċjalizzati jew permezz ta' servizzi speċjalizzati fi ħdan organizzazzjonijiet ta' appoġġ ġeneriċi li joffru appoġġ immirat għal gruppi speċifiċi ta' vittmi.

L-FRA għamlet riċerka limitata dwar oqsma speċjalizzati ta' appoġġ għall-vittmi (bħal appoġġ għal vittmi ta' vjolenza domestika, traffikar tal-bnedmin u reati ta' mibegħda), sostnuta minn riċerka estensiva tal-FRA dwar gruppi ta' vittmi vulnerabbli differenti. Is-sejbiet jindikaw li l-vittmi li jagħmlu parti minn kull wieħed minn dawn il-gruppi jistgħu jiltaqgħu ma' problemi partikolari biex jaċċessaw il-ġustizzja. Dawn is-sejbiet huma appoġġjati minn riċerka parallela addizzjonali mill-FRA dwar fixxa wiesgħa ta' kwisjtonijiet relatati ma' vittmi tal-kriminalità, inklużi studji ta' kategoriji speċifiċi, bħal vittmi immigranti, vittmi ta' reati ta' mibegħda, vjolenza kontra n-nisa u vittmi tfal.

GĦODOD UTLI GĦALL-VITTMĠ TAL-KRIMINALITÀ

L-appoġġ tan-nisa kontra l-vjolenza

Din l-applikazzjoni tal-mowbajl, li jismha Clique180, tiggwida lin-nisa b'informazzjoni dwar x'għandhom jagħmlu jekk jiġu esposti għal vjolenza. L-applikazzjoni, immedija waqt it-Tazza tad-Dinja tal-2014 fil-Brażil, tipprovdi ġeodejta ġenerata mill-utent dwar żoni sikuri u mhux sikuri u tispjega x'inhil-vjolenza kontra n-nisa. L-interface faċli biex jintuża li ma jeħtieġx spjegazzjoni jagħti links għal servizzi ta' appoġġ u għal leġiżlazzjoni federali Brażiljana dwar il-vjolenza kontra n-nisa. L-applikazzjoni tinkludi wkoll buttuna għal telefonata diretta għal hotline ta' servizzi ta' appoġġ.



Disponibbli minn: <http://clique180.org.br/download>

Ir-riċerka tal-FRA turi li l-vittmi jaffaċċjaw problemi bħal vulnerabbiltà għal vittimizazzjoni sekondarja jew ripetuta, intimidazzjoni u ritaljazzjoni, biża' li jaffaċċjaw preġudizzji minn pulizija jew persunal tas-servizz ta' appoġġ u għalhekk nuqqas ta' rieda li jirrapportaw ir-reat inkwistjoni.

Is-sejbiet ta' dan il-proġett juru li servizzi speċjalizzati għal mill-anqas ftit gruppi speċifiċi ta' vittmi jeżistu fl-Istati Membri kollha. Għadd ta' prattiki promettenti huma importanti f'dan ir-rigward. In-natura u l-ambitu tal-appoġġ speċjalizzat offrut, madankollu, ivarja ħafna bejn l-Istati Membri (jiddependi wkoll mill-grupp inkwistjoni). Hemm ħafna fejn isir titjib.

Leġiżlazzjoni tal-UE: Miżura E tal-Pjan Direzzjonali ta' Budapest

Miżura E tal-Pjan Direzzjonali ta' Budapest tindirizza l-ħtiġijiet speċifiċi ta' ċerti gruppi ta' vittmi. Il-Kunsill ifakkar li xi vittmi għandhom ħtiġijiet speċifiċi bbażati fuq it-tip jew fuq iċ-ċirkostanzi tar-reat li huma vittma tiegħu, minħabba r-riperkussjonijiet soċjali, fiżiċi u psikoloġiċi ta' dawn ir-reati. Fost dawn il-gruppi l-Pjan Direzzjonali jsemmi vittmi ta' traffikar tal-bnedmin u tfa' vittmi ta' sfruttament sesswali.

Ara: [http://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/HTML/?uri=CELEX:32011G0628\(01\)&qid=1402495822750&from=EN](http://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/HTML/?uri=CELEX:32011G0628(01)&qid=1402495822750&from=EN)

L-iżgurar ta' valutazzjonijiet individwali biex jiġu identifikati ħtiġijiet ta' protezzjoni speċifiċi

L-Artikolu 22 tad-direttiva jistipula li l-Istati Membri tal-UE għandhom iżguraw li valutazzjonijiet individwali tal-vittmi jsiru biex jiġu identifikati ħtiġijiet ta' protezzjoni speċifiċi potenzjali. Ħtiġijiet ta' protezzjoni speċifiċi bħal dawn jistgħu jirreferu għal vittmi li sofrew ħsara konsiderevoli minħabba l-gravità tar-reat, vittmi ta' reat ibbażat fuq preġudizzju jew raġuni diskriminatorja, jew vittmi magħmula vulnerabbli mir-relazzjoni tagħhom u d-dipendenza fuq it-trasgressur. Is-sejbiet tal-FRA juru li l-pulizija ta' spiss jirreferu lill-vittmi għal servizzi ta' appoġġ ġeneriċi li mbagħad iridu jivvalutaw aktar il-ħtieġa individwali possibbli għal appoġġ speċjalizzat.


Ir-rikonoxximent tar-rwol importanti tas-servizzi ta' appoġġ għal vittmi bi ħtiġijiet speċifiċi fl-Istati Membri tal-UE

Kemm jekk integrati fi ħdan struttura ġenerika akbar kif ukoll jekk stabbiliti bħala servizzi individwali separati, id-Direttiva dwar il-Vittmi tistipula li servizzi ta' appoġġ għandhom jadottaw approċċ li jikkunsidra l-ħtiġijiet speċifiċi tal-vittmi, il-gravità tal-ħsara li sofrew bħala riżultat tar-reat, u anke r-relazzjoni bejn il-vittmi, trasgressuri u l-ambjent soċjali usa tagħhom. Dan jista' jinkludi, pereżempju, il-ħtiġijiet speċifiċi tat-tfal. Servizzi ta' appoġġ individwali li jimmiraw għall-vittmi bi ħtiġijiet speċifiċi jistgħu jkunu partikolarment f'qagħda tajba biex jipprovvu d-drittijiet ta' ċerti gruppi. Vittmi ta' reati ta' mibegħda, pereżempju, jistgħu jħossuhom aktar komdi jafdaw u jiddependu fuq il-kompetenza ta' organizzazzjonijiet iżgħar u speċjalizzati ħafna li jiddefendu d-drittijiet tagħhom.

GĦODDOD UTLI GĦALL-VITTM TAL-KRIMINALITÀ

It-trażmissjoni ta' messaġġi ta' appoġġ għall-ħajja lil vittmi tat-traffikar tal-bnedmin

L-Għodda ta' Assistenza ta' Traduzzjoni għall-Vittmi tuża messaġġi awdjo biex tippermetti lill-uffiċjali tal-infurzar tal-liġi u l-fornituri tas-servizz għall-vittmi, ta' spiss l-ewwel punt ta' kuntatt għall-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin li ma jtkellmex il-lingwa tal-pajjiż li qegħdin fih, biex jipprovdu livell ta' assistenza bażika għal vittmi ta' traffikar tal-bnedmin.



Ħamsa u tletin mistoqsija u messaġġ bażiku ġew irrekordjati u tradotti f'40 lingwa, inklużi mistoqsijiet speċjali għat-tfal.

L-għodda gjet żviluppata mill-UN.GIFT/UNODC, is-Servizz tal-Intelligence Kriminali Awstrijak u l-NGO LEFOE-IBF Awstrijaka. Superstiti ta' traffikar tal-bnedmin ikkontribwixxew għall-iżvilupp tal-messaġġi, bl-appoġġ ta' esperti ta' traffikar tal-bnedmin li jiffokaw fuq il-ħtiġijiet tal-vittmi.

Niżżel l-għodda minn: www.ungift.org/knowledgehub/en/tools/vita.html

Opinjoni tal-FRA

L-Istati Membri tal-UE għandhom jiżguraw li valutazzjonijiet individwali jsiru mill-ewwel punt ta' kuntatt tal-vittma, tipikament il-pulizija jew organizzazzjoni ta' appoġġ għall-vittmi. Il-vittmi għandhom jiġu riferuti fi żmien xieraq lis-servizzi ta' appoġġ għall-vittmi speċjalizzati li huma kapaċi joffruhom l-għajnuna u appoġġ li jeħtieġu. L-Istati Membri tal-UE għandhom jiżguraw li t-tfal huma dejjem trattati bħala persuni li għandhom bżonn protezzjoni speċjali, fil-waqt li jitqiesu l-età, il-maturità, livell ta' għarfien tagħhom u kwalunkwe diffikultajiet fil-komunikazzjoni li jista' jkollhom, u skont l-Artikolu 22(4) tad-Direttiva dwar il-Vittmi.

Filwaqt li jirrikonoxxu li servizzi speċjalisti jistgħu jkunu jew stabbiliti separatament u bħala żieda ma' servizzi ta' appoġġ ġenerali jew inkella integrati f'organizzazzjoni ġenerika, l-Istati Membri tal-UE għandhom jiżguraw l-eżistenza ta' servizzi ta' appoġġ, inklużi appoġġ għal trawmi u counseling, li jipprovdu appoġġ immirat għall-vittmi bi ħtiġijiet speċifiċi. Dawn jinkludu vittmi tfal, vittmi ta' vjolenza sesswali u vjolenza oħra bbażata fuq is-sess, vittmi b'diżabbiltà, vittmi li huma immigranti irregolari u vittmi ta' vjolenza f'relazzjoni mill-qrib, inklużi appoġġ għal trawma u counseling. F'konformità mad-Direttiva dwar il-Vittmi, dawn is-servizzi għandhom, bħala minimu, jiżviluppaw u jipprovdu akkomodazzjoni temporanja adattata għal vittmi li għandhom bżonn post sikur minħabba riskju imminenti ta' vittimizazzjoni ripetuta, intimidazzjoni u ritaljazzjoni.

Barra minn hekk, meta jimplimentaw id-Direttiva dwar il-Vittmi, l-Istati Membri tal-UE għandhom jagħtu kas partikolari għall-ħtiġijiet ta' protezzjoni ta' vittmi ta' reati kommessi bi skop diskriminatorju.

Standards ta' prestazzjoni u indikaturi

Id-Direttiva dwar il-Vittmi mhijiex espliċitament dwar il-kwalità u l-prestazzjoni. Iżda biex l-appoġġ għall-vittmi jkun effettiv u effiċjenti, l-istandards tal-kwalità jeħtieġ li jkunu fiċ-ċentru tad-disinn, titjib u kunsinna kontinwa ta' appoġġ għall-vittmi. Parti integrali tal-istandards tal-kwalità huma indikaturi. Billi tintuża l-metodoloġija stabbilita li jinġabru l-indikaturi taħt it-titli strutturali, proċess u riżultat, il-firxa sfiha ta' azzjonijiet li għandhom jittieħdu, mill-aċċettazzjoni u intenzjoni, tul l-isforzi, sar-riżultati, jistgħu jinqabdu. Dan imbagħad se jiffaċilita l-kejl tal-progress kif ukoll jippermetti tqabbil bejn is-sistemi, li huwa meħtieġ għal valutazzjoni solida ta' liema prattiki fil-fatt jaħdmu.

Ir-rapport sħiħ jissuġġerixxi firxa ta' indikaturi fi hndan dan il-qafas metodoloġiku, ibbażat fuq standards eżistenti għall-provvista ta' servizzi ta' appoġġ għall-vittmi. Verżjoni aktar avvanzata u rfinuta ta' dawn l-indikaturi, li għandha tkun validata minn partijiet interessati rilevanti, bħal organizzazzjonijiet ta' appoġġ għall-vittmi, għandha tkun l-ewwel pass utli għal segwitu sistematiku u valutazzjoni tal-prattiki. L-indikaturi għandhom ikunu akkoppjati ma' parametri ċari fil-livell ta' "konformità" mitluba. Sistema għall-ġabra ta' dejta biex timla l-indikaturi kollha għandha titfassal ukoll. F'dan il-kuntest, għandu jitfakkar l-Artikolu 28 tad-Direttiva dwar il-Vittmi, li jitlob lill-Istati Membri biex jaqsmu d-dejta minn Novembru 2017 u kull tliet snin minn dakinhar 'il quddiem, dwar id-drittijiet tal-vittmi fil-prattika taħt din id-direttiva.

Stabbiliment tal-istandards ta' kontroll tal-kwalità li jirrispettaw l-indipendenza tas-soċjetà ċivili

Premessa 63 tad-Direttiva dwar il-Vittmi tisħaq li biex "jiġi inkoraġġut u ffaċilitat ir-rappurtar ta' atti kriminali

u l-vittmi jkunu jistgħu jiksru ċ-ċiklu tal-vittimizazzjoni ripetuta, hu essenzjali li s-servizzi ta' appoġġ affidabbli jkunu disponibbli għall-vittmi u li l-awtoritajiet kompetenti jkunu lesti li jirrispondu għar-rapporti tal-vittmi b'manjiera rispettuża, sensittiva, professjonali u mhux diskiriminatorja." Biex ikun ivvalutat jekk is-servizzi ta' xi Stat Membru jillhqux dawn il-kriterji, mekkaniżmi ta' kontroll tal-kwalità ċari u konsistenti għandhom jiġu stabbiliti, inkluż transkonfinalment.

Valutazzjoni komparattiva ta' standards ta' kwalità

Standards ta' kwalità għal servizzi ta' appoġġ għall-vittmi jibbenefikaw minn indikaturi u parametri ċari. Ir-riċerka tal-FRA kopriet indikaturi tal-prestazzjoni ewlenin formalment adottati dwar il-kwalità tas-servizz li jipprovdu s-servizzi ta' appoġġ għall-vittmi ġeneriċi tal-Istati Membri tal-UE. Indikaturi bħal dawn, meta mkejla tul perjodu ta' żmien, jgħinu biex tkun ivvalutata l-implimentazzjoni u l-effett tad-Direttiva dwar il-Vittmi fuq il-vittmi u dwar it-tgawdija tad-drittijiet tagħhom fil-prattika.

Opinjonijiet tal-FRA

L-FRA tisħaq dwar ir-responsabbiltà tal-Istati Membri tal-UE biex jiżviluppaw netwerk komprensiv ta' servizzi ta' appoġġ għall-vittmi u biex jissorveljaw il-prestazzjoni tas-servizzi ta' appoġġ, filwaqt li jiżguraw li dawn jikkonformaw mal-istandards magħżula u fl-istess ħin jirrispettaw l-indipendenza tas-soċjetà ċivili.

L-analiżi tal-FRA tenfasizza eżempji tajbin ta' kriterji u/jew kundizzjonijiet ta' sħubija żviluppata minn organizzazzjonijiet umbrella fil-livell ta' UE attivi fl-oqsma tan-netwerking, koordinazzjoni u l-promozzjoni ta' appoġġ għall-vittmi ġeneriku, jew l-appoġġ ta' gruppi speċifiċi ta' vittmi. Kriterji bħal dawn jinkludu, pereżempju: separazzjoni bejn appoġġ għall-vittmi u servizzi ta' prova, indipendenza minn attivitajiet politiċi, kunfidenzjalità ta' utenti tas-servizz (i.e. il-vittmi) u trasparenza fir-rigward ta' sorsi ta' finanzjament. Standards bħal dawn jistgħu jiffurmaw bażi li fuqha jiġu esplorati kriterji oħra li jistgħu jiġu żviluppata fil-livelli nazzjonali, reġjonali u tal-UE, kif xieraq.

Ispirazzjoni għal sistema ta' kontroll tal-kwalità għal servizzi ta' appoġġ għall-vittmi tista' tiġi wkoll mis-sistema ta' evalwazzjoni bejn il-pari użata globalment minn Istituzzjonijiet tad-Drittijiet tal-Bniedem Nazzjonali (sistema ta' awtoakkreditazzjoni taħt l-hekk imsejħa Prinċipji ta' Pariġi).

Għal dan il-għan, u bil-kunsiderazzjoni ta' dawn l-eżempji, l-Istati Membri jistgħu jikkunsidraw li jstabbilixxu sistema ta' akkreditazzjoni għal servizzi ta' appoġġ għall-vittmi.

L-FRA tenfasizza l-importanza ta' standards organizzattivi u ta' prestazzjoni definiti u ġeneralment aċċettati għall-provvista ta' appoġġ għall-vittmi. Is-sejbiet tal-FRA juru li s-servizzi ta' appoġġ ġeneriċi adottaw dawn l-istandards f'inqas minn nofs l-Istati Membri.


L-Artikolu 28 tad-Direttiva dwar il-Vittmi tobbliga lill-Istati Membri biex jikkomunikaw lill-Kummissjoni Ewropea dejta disponibbli dwar kif il-vittmi aċċessaw id-drittijiet stabbiliti fid-Direttiva dwar il-Vittmi, billi jibdeu minn Novembru 2017 (sentejn wara l-iskadenza tat-traspożizzjoni) u kull tliet snin minn hemm 'il quddiem. Dejta bħal din għandha tikkunsidra indikaturi relatati mal-appoġġ tal-vittmi u mad-drittijiet tal-vittmi, inklużi indikaturi tal-prestazzjoni relatati mal-kwalità tas-servizz provdut minn servizzi ta' appoġġ għall-vittmi ġeneriċi. Indikaturi dwar il-kwalità tal-provvista tas-servizz għandhom jinġabru direttament mingħand il-vittmi li jużaw dawn is-servizzi.

Organizzazzjonijiet ta' appoġġ għall-vittmi u/jew gvernijiet, kif xieraq fl-Istati Membri tal-UE rispettivi, għandhom jikkunsidraw li jiżviluppaw indikaturi komuni dwar l-appoġġ għall-vittmi, u b'mod aktar miftuħ dwar id-drittijiet tal-vittmi. Dejta għal indikaturi bħal dawn tista' parzjalment tagħmel użu mill-ġabra ta' dejta mitluba skont l-Artikolu 28 tad-Direttiva dwar il-Vittmi.

Id-Direttiva dwar il-Vittmi

Id-Direttiva dwar il-Vittmi hija l-aktar żvilupp leġiżlattiv importanti għad-drittijiet tal-vittmi fil-livell ta' UE s'issa. Hija l-pilastru ewlieni tal-pakkett tal-Vittmi, sett ta' proposti leġiżlattivi tal-Kummissjoni Ewropea li għandhom l-għan li jsaħħu u jtejbu miżuri nazzjonali u tal-UE dwar id-drittijiet tal-vittmi. Din tirrispondi għat-talba tal-Kunsill Ewropew għal approċċ għall-vittmi integrat u koordinat li qiegħed fil-Programm ta' Stokkolma u fil-Pjan Direzzjonali ta' Budapest, li jikkonċentraw speċifikament fuq it-tiżni tad-drittijiet u l-protezzjoni tal-vittmi. L-Istati Membri tal-UE għandhom jitrassponu d-Direttiva dwar il-Vittmi fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom sas-16 ta' Novembru 2015. Id-Danimarka mhix qed tipparteċipa; għalhekk wara d-data ta' skadenza tat-traspożizzjoni, id-Deċiżjoni Qafas se tibqa' fis-seħħ hemmhekk.

Figura: Strumenti tal-UE relatati ma' vittmi tal-kriminalità, b'mod speċjali servizzi ta' appoġġ



Nota: It-tikkettar A-E huwa dak tal-Pjan Direzzjonali.
 * Applikabbli għad-DK wkoll wara d-data ta' skadenza tat-traspożizzjoni tad-Direttiva dwar il-Vittmi.
 Sors: FRA, 2014

Id-Direttiva dwar il-Vittmi tistipula għadd ta' objettivi biex tiżgura d-disponibbiltà ta' servizzi ta' appoġġ għall-vittmi effettivi u aċċessibbli fl-Istati Membri tal-UE. Tintroduċi drittijiet ġodda għall-vittmi tal-kriminalità u tibdel numru ta' dispożizzjonijiet li qabel kienu fakultattivi f'obbligi, tikkonverti benefiċċji potenzjali għall-vittmi fi drittijiet tal-vittmi. Tpoġġi s-servizzi ta' appoġġ għall-vittmi fuq quddiem nett tas-sistema u tirikonoxxi r-rwol ċentrali li għandhom fejn jippermettu lill-vittmi jgawdu d-drittijiet tagħhom. Billi tistipula standards minimi għall-attivitajiet tagħhom filwaqt li tobbliga l-istat biex jiżgura d-disponibbiltà tagħhom, id-direttiva għandha l-potenzjal li tagħti forma ġdida lis-sistema ta' appoġġ għall-vittmi fl-UE kollha biex jib-benefikaw il-vittmi.

Id-direttiva, madankollu, ma tipprovdi strument li jarmonizza l-approċċi diverġenti għar-rwol tal-vittma fil-varji sistemi ta' ġustizzja kriminali tal-Istati Membri tal-UE u, konsegwentament, għall-provvista ta' servizzi ta' appoġġ għall-vittmi. Filwaqt li bla dubju tistabbilixxi l-istandards ġenerali oġġla mid-Deċiżjoni Qafas, il-ħtieġa li jiġu akkomodati dawn id-differenzi strutturali inevitabbilment toħloq spazju għal diverġenza fil-kwalità tas-servizzi ta' appoġġ għall-vittmi u għalhekk potenzjalment ukoll fit-tgwid u gwali tad-drittijiet tal-vittmi.

Eżempji ta' standards oġġla kif stipulati fid-Direttiva dwar il-Vittmi

Provvista ta' informazzjoni u appoġġ

- Terġa' tenfasizza d-dritt li wieħed jifhem u jinftiehem, fis-sens li l-komunikazzjoni kollha mal-vittmi għandha ssir b'mod li l-vittmi jifhemu (l-Artikolu 3).
- L-Artikolu 4 tad-direttiva imur lil hinn mid-drittijiet mogħtija fid-Deċiżjoni Qafas dwar informazzjoni tal-ewwel kuntatt mal-awtoritajiet kompetenti. Il-vittmi mhux se jibqgħu jiġu informati biss dwar it-tip ta' servizzi jew organizzazzjonijiet li jistgħu jirrikorru għandhom. Minflok, permezz tad-dispożizzjoni tal-Artikolu 8(2), huma se jiġu riferuti direttament għas-servizzi ta' appoġġ għall-vittmi xierqa fl-istadju inizjali. Huma għandhom, fi kliem ieħor, jiġu mistoqsija jekk iridux jittqiegħdu f'kuntatt ma' servizzi ta' appoġġ.
- Tipreskrivi espressament li l-aċċess għal servizzi ta' appoġġ għall-vittmi għandu jingħata irrispettivament mill-fatt jekk il-vittma jiddeċidix li jagħmel ilment formali u jressaq akkużi jew le, għalkemm huwa ġeneralment mifhum li l-awtoritajiet kompetenti għandhom jinkoraġġixxu r-rappurtar (ara l-Premessa 63 tad-direttiva).
- Tistipula liema informazzjoni dwar il-każ għandha tkun magħmula disponibbli għall-vittma. Din l-informazzjoni tinkludi n-natura tal-akkużi kriminali, il-ħin u post tas-smiġh, kwalunkwe deċiżjoni li titwaqqaf l-investigazzjoni jew biex ma ssirx prosekuzzjoni, kif ukoll il-ġudizzju finali. Ir-raġunijiet għal dawn id-deċiżjonijiet se jkunu ċari wkoll.
- Tiddistingwi bejn servizzi ta' appoġġ għall-vittmi ġenerali u speċjalisti (l-Artikolu 8) u tispeċifika l-livell minimu ta' servizzi li l-Istati Membri għandhom jipprovdu (l-Artikolu 9). Mill-perspettiva tal-appoġġ għall-vittmi, l-ispeċifikazzjoni ta' standards minimi hija ta' importanza fundamentali. Id-Deċiżjoni Qafas obligat lill-Istati Membri tal-UE biex "jinkoraġġixxu l-azzjoni" bis-servizzi ta' appoġġ għall-vittmi fil-qasam tal-provvista tal-vittmi b'informazzjoni, l-akkumpanjament tagħhom u l-assistenza lejhom. Issa, is-servizzi ta' appoġġ għall-vittmi se jipprovdu servizzi definiti b'mod ċari rilevanti għad-drittijiet tal-vittmi, inklużi: paririi dwar aċċess għal skemi ta' kumpens nazzjonali u dwar kwistjonijiet finanzjarji u prattiċi oħra li jirriżultaw mill-kriminalità, u appoġġ emozzjonali u psikoloġiku. Tkopri wkoll pariri marbuta mar-riskju u l-prevenzjoni ta' vittimizazzjoni sekondarja jew ripetuta, ta' intimidazzjoni ta' ritaljazzjoni.

Allokazzjoni ta' biżżejjed riżorsi

- Ċerti obbligi ġodda, kif ukoll dispożizzjonijiet mhux obligatorji tad-Deċiżjoni Qafas li d-Direttiva dwar il-Vittmi tagħmel obligatorji, se jeħtieġu li l-Istati Membri tal-UE jinvestu aktar f'persunal, tagħmir jew faċilitajiet. Dawn jinkludu l-iżgurar li żoni ta' stennija tal-vittmi fil-qorti jkunu separati minn dawk tal-akkużati, tal-anqas fil-binjiet ġodda tal-qorti (l-Artikolu 19(2)). L-Istati Membri għandhom jiksbu wkoll it-teknoloġija meħtieġa għal links tal-vidjos u reġistrazzjonijiet tal-vidjo, jiprovdu taħriġ obligatorju għal prattikanti primarji bħal pulizija u persunal tal-qorti (l-Artikolu 25(1)) u jiżguraw li l-vittmi jkunu assessjati individwalment biex ikunu identifikati l-ħtiġijiet ta' protezzjoni speċifiċi tagħhom (l-Artikolu 22(1)). Is-sejbiet tal-FRA juru li xi Stati Membri għad jonqoshom jimplementaw dawn il-miżuri.

Appoġġ għall-vittmi u drittijiet fundamentali

L-appoġġ għall-vittmi huwa indispensabbli biex jiżgura l-effettività tad-drittijiet fundamentali tal-vittmi b'mod ġenerali u l-aċċess tal-vittmi għall-ġustizzja kriminali b'mod partikolari. Dan huwa f'konformità mal-Artikolu 47 tal-Karta għad-Drittijiet Fundamentali tal-UE. Il-kriminalità hija ksur partikolarment gravi tad-drittijiet fundamentali u konsegwentament il-liġi kriminali u l-ġustizzja kriminali jagħmlu ħilithom biex jiproteġu l-aspetti l-aktar sinifikanti tad-drittijiet fundamentali tal-individwi. Il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (QEDB) tappoġġja dan l-approċċ. Madankollu, il-penali li tippreskrivi l-liġi kriminali se tkun kredibbli biss jekk tiġi appoġġjata minn makkinarju ta' infurzar tal-liġi effettiv u jekk l-awtoritajiet tal-istat juru l-impenn tagħhom biex iwettqu d-dispożizzjonijiet tal-liġi⁴. B'mod parallel, il-vittmi għandhom jingħataw appoġġ għall-vittmi effettiv.

Dan id-dritt tal-vittmi li jkollhom aċċess għall-ġustizzja ma għandux ikun teoretiku biss iżda effettiv ukoll⁵. F'sentenza tal-2011, il-QEDB enfasizzat li "l-oġġett u għan tal-Konvenzjoni [għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali, QEDB] bħala strument għall-protezzjoni ta' bnedmin individwali jeħtieġ li d-dispożizzjonijiet tagħha jkunu interpretati u applikati biex jagħmlu s-salvagwardji tagħha prattiċi u effettivi"⁶.

Minħabba d-diffikultajiet li l-vittmi jesperjenzaw biex jirrapurtaw lill-pulizija, aċċess effettiv għall-ġustizzja jeħtieġ miżuri ġodda. Dawn għandhom jindirizzaw l-individwu, filwaqt li jipprovdu pereżempju informazzjoni, assistenza u counselling. Għandhom jitrattaw ukoll kwistjonijiet istituzzjonali, jistabbilixxu t-taħriġ ta' professjonisti, jagħmlu salvagwardji kontra forom istituzzjonali ta' diskriminazzjoni, jew proċeduri li huma mfassla biex jirrispondu b'mod xieraq għad-drittijiet u l-ħtiġijiet tal-vittmi. Finalment, dan jorbot mal-klima pubblika ġenerali. Perċezzjoni li l-klima mhix favorevoli tista' żżomm il-vittmi milli jfittxu l-assistenza, peress li ma jistennewx rikonoxximent jew simpatija.

Il-vittmi għandhom dritt li jiġu offruti appoġġ biex jaċċessaw il-ġustizzja, iżda l-aċċess effettiv tagħhom għall-ġustizzja fil-prattika se jkun ta' spiss ibbażat fuq id-disponibbiltà tas-servizzi ta' appoġġ għall-vittmi. Servizzi ta' appoġġ effettivi huma għalhekk mezz kruċjali ta' kif id-drittijiet tal-vittmi li jaċċessaw il-ġustizzja jsiru realtà. Bħalma hu l-każ bħafna drittijiet fundamentali li jobligaw lill-Istati Membri tal-UE biex jieħdu azzjoni u jipprovdu servizzi, l-obbligu li jkunu pprovduti servizzi ta' appoġġ xierqa ma jippreskrivix kif l-Istati Membri jimplimentaw dawn is-servizzi. Li huma mitluba li jinvestu biex jilhqnu l-obbligi skont l-Artikolu 47 tal-Karta se jiddependu sa ċertu punt fuq dak li huwa prattikament fattibbli fiċ-ċirkostanzi. L-Istati huma, bħala minimu, obligati li jiżguraw realizzazzjoni progressiva tal-aċċess effettiv tal-vittmi għall-ġustizzja kriminali, li tinkludi titjib progressiv ta' servizzi ta' appoġġ provduti lil vittma tal-kriminalità.

Analiżi aktar mill-qrib tagħmilha possibbli li niddistingwu ċerti aspetti partikolari tad-dritt tal-vittmi li jaċċessaw il-ġustizzja. Dawn l-aspetti varji juru l-firxa wiesgħa tad-drittijiet tal-vittmi skont il-Karta. Xi wħud minn dawn l-aspetti jistgħu jiġu ntraċċati kemm għall-Karta kif ukoll għall-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (KEDB). L-Artikolu 52(3) tal-Karta, pereżempju, jiżgura li l-Karta għandha mill-anqas it-tifsira u l-ambitu tal-garanziji tal-KEDB korrispondenti. Aspetti addizzjonali tad-dritt tal-vittma li taċċessa l-ġustizzja jirrelataw biss għal Artikolu 47 tal-Karta, li jżid id-drittijiet skont il-KEDB.

Il-ġurisprudenza tal-QEDB isserraħ fuq żewġ pilastri: l-ewwel, fuq dak li l-qorti tirreferi għalih bħala r-riġlejn proċedurali ta' ċerti drittijiet (inklużi l-Artikoli 2, 3, 4 u 8 tal-KEDB), u t-tieni fuq id-dritt għal rimedju effettiv skont l-Artikolu 13 tal-KEDB. L-ewwel pilastru, l-aspett proċedurali ta' artikoli sostantivi, jenfasizza l-kompitu ta' dispożizzjonijiet tal-liġi kriminali u l-implimentazzjoni b'saħħitha tagħhom, biex jiddisswadu trasgressuri potenzjali milli jiksru d-drittijiet tal-bniedem. It-tieni pilastru jenfasizza d-dritt tal-vittmi li jkollhom il-ksur tad-drittijiet tagħhom meħud bis-serjetà u jkun indirizzat.

⁴ QEDB, *Osman v. UK*, Nru 23452/94, 28 ta' Ottubru 1998, para. 115; *Menson v. UK*, Nru 47916/99, 6 ta' Mejju 2003 (Diċ.); *A v. Kroazja*, Nru 55164/08, 14 ta' Ottubru 2010, para. 78.

⁵ QEDB, *El-Masri v. Dik li Qabel kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja* [GC], Nru 39630/09, 13 ta' Diċembru 2012, para. 255.

⁶ QEDB, *Al-Skeini u Oħrajn v. Ir-Renju Unit* [GC], Nru 55721/07, 7 ta' Lulju 2011, para. 162.



Definizzjonijiet fil-liġi kriminali u garanziji proċedurali

Biex investigazzjoni tkun effettiva fil-prattika l-istat għandu l-ewwel ikun adotta dispożizzjonijiet tal-liġi kriminali li jippenalizzaw b'mod komprensiv prattiki li jmorru kontra l-artikolu inkwistjoni⁷. Dawn id-dispożizzjonijiet għandhom jaqdbu s-sustanza tal-ksur tad-drittijiet tal-bniedem li sofra l-vittma. Biex jaqdbu l-ksur tad-drittijiet li sofra l-vittma ta' vjolenza domestika fit-tul, pereżempju, dik il-liġi għandha tikkriminalizza aktar minn atti uniċi ta' vjolenza. Għandha tirrifletti wkoll l-impatt psikoloġiku ta' relazzjoni bħal din, inklużi s-sentimenti ta' biża', impotenza u tkaşbir sofruti fit-tul⁸. Jew, fil-każ ta' atti vjolenti mwettqa għal raġuni diskriminatorja, il-liġi kriminali ma għandhiex tkopri biss l-inċidenti tal-vjolenza, għandha tirrifletti biżżejjed id-dimensjoni ta' diskriminazzjoni⁹.

Ladarba jsiru konxji ta' inċident l-awtoritajiet għandhom jaġixxu bil-volontà tagħhom, ma jistgħux iħallu f'idejn il-vittma jew il-familjari tal-vittma biex jibdew il-proċedimenti. Id-dritt tal-vittma li jkollha aċċess għall-ġustizzja mhuwiex ibbażat fuq il-kontribut attiv tiegħu jew tagħha, bħal rappurtar lill-pulizija jew appoġġ għal investigazzjonijiet jew prosekuzzjoni¹⁰.

Persuna li tista' tallega li kienet soġġetta għal vittimizzazzjoni vjolenti hija intitolata għal "investigazzjoni bir-reqqa u effettiva li kapaċi twassal għall-identifikazzjoni u l-ikkastigar ta' dawk responsabbli"¹¹. L-awtoritajiet għandhom ikunu hađu l-passi kollha raġonevoli disponibbli għalihom biex jiżguraw l-evidenza marbuta mar-reat, inklużi, fost l-oħrajn, xhieda okulari u evidenza forensika. Il-vittmi għandhom ikunu involuti fil-proċedura sa fejn hu meħtieġ biex ikunu ssalvagwardjati l-interessi leġittimi tagħhom.

Drittijiet addizzjonali tal-vittmi skont l-Artikolu 47 tal-Karta

Id-drittijiet proċedurali tal-akkużati huma protetti skont l-Artikolu 6 (smiġh xieraq) tal-KEDB u dawk tal-vittmi skont l-Artikolu 13 (rimedju effettiv). Il-vittmi tal-kriminalità ma jistgħux jitolbu drittijiet ta' smiġh xieraq skont l-Artikolu 6 tal-KEDB sakemm ma jingħaqdux mal-proċedimenti kriminali biex jinforzaw it-talbiet ta' liġi ċivili fi ħdan il-qafas tal-proċedura kriminali¹². Iżda anke f'każijiet bħal dawn il-vittmi għandhom id-drittijiet tagħhom skont l-Artikolu 6 bis-saħħa tat-talbiet tal-liġi ċivili tagħhom – mhux għax sofrew vittimizzazzjoni f'termini ta' dispożizzjonijiet ta' liġi kriminali. Fis-sistema tad-drittijiet tal-bniedem tal-KEDB, id-drittijiet għal smiġh xieraq u d-dritt għal rimedju effettiv huma distinti u mhux relatati.

Il-Karta ma żżommx id-distinzjoni tal-KEDB bejn l-akkużati u l-vittmi (l-Artikolu 47). Skont il-Karta, il-vittmi tal-kriminalità mhux biss igawdu mid-dritt għal rimedju effettiv, li jkopri l-firxa ta' drittijiet tal-vittmi skont l-Artikolu 13 tal-KEDB, iżda anke drittijiet għal smiġh xieraq (l-Artikolu 6(1)), jiġifieri:

- id-dritt għal smiġh xieraq u pubbliku mmexxi minn tribunal indipendenti fi żmien raġonevoli;
- id-dritt li jingħatalhom parir u jkunu rappreżentati;
- id-dritt għal għajnuna legali, disponibbli għal vittmi li għandhom nuqqas ta' riżorsi suffiċjenti sa fejn din it-tip ta' għajnuna legali hija meħtieġa biex ikun żgurat l-aċċess effettiv tal-vittmi għall-ġustizzja.

Id-Direttiva dwar il-Vittmi tikkonsidra aspetti importanti ta' dawn id-drittijiet ta' smiġh xieraq, bħad-dritt li wieħed jinstema' (l-Artikolu 10) u d-dritt għal għajnuna legali (l-Artikolu 13). Barra minn hekk, il-Premessa 66 tad-Direttiva dwar il-Vittmi espliċitament tirreferi għad-drittijiet tal-vittmi skont il-Karta u tenfasizza "d-dritt għal smiġh xieraq" għall-vittmi.

⁷ QEDB, *M.C. v. Bulgarija*, Nru 39272/98, 4 ta' Diċembru 2003, para. 150, 153 u 166; QEDB, *Gäfgen v. Ġermanja* [GC], Nru 22978/05, 1 ta' Ġunju 2010, para. 117.


⁸ QEDB, *Valiulienė v. Litwanja*, Nru 33234/07, 26 ta' Marzu 2013, para. 69–70; *Eremia v. ir-Repubblika tal-Moldova*, Nru 3564/11, 28 ta' Mejju 2013, para. 54.

⁹ QEDB, *Nachova v. Bulgarija* [GC], Nru 43577/98, 6 ta' Lulju 2005, para. 160.

¹⁰ QEDB, *Cadiroğlu v. Turkija*, Nru 15762/10, 3 ta' Settembru 2013, para. 30.

¹¹ QEDB, *Gäfgen v. Ġermanja* [GC], Nru 22978/05, 1 ta' Ġunju 2010, para. 116 u 117; QEDB, *El-Masri v. Dik li Qabel kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja* [GC], Nru 39630/09, 13 ta' Diċembru 2012, para. 255

¹² QEDB, *Perez v. Franza*, Nru 47287/99, 12 ta' Frar 2004, para. 57 sa 72; *Novak v. Slovenja*, Nru 5420/07, 25 ta' April 2013.



Id-drittijiet tal-vittmi tal-kriminalità għal aċċess għall-ġustizzja u li jkunu protetti kontra vittimizazzjoni ripetuta jistgħu jibqgħu illużorji fil-prattika jekk il-vittma tonqos milli tirċievi pariri u appoġġ professjonali. Din ir-riċerka mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) teżamina l-provvista ta' servizz ta' appoġġ għal vittmi bħal dawn fit-28 Stat Membru tal-UE, f'konformità mad-Direttiva dwar il-Vittmi tal-UE tal-2012. Din tiffoka mhux fuq standards ta' drittijiet fundamentali astratti iżda fuq ir-riżultati prattiċi finali. Ir-riċerka tal-FRA identifikat prattiki promettenti li l-Istati Membri li qed jippruvaw itejbu l-istrutturi ta' appoġġ għall-vittmi tagħhom jistgħu jużaw bħala ispirazzjoni. Sabet ukoll għadd ta' oqsma li fihom l-Istati Membri bħalissa ma jilħqux ir-rekwiżiti tad-direttiva. Jeħtieġ li jieħdu aktar passi leġiżlattivi u ta' politika biex jiżguraw li jikkonformaw mad-direttiva sad-data ta' skadenza għall-implimentazzjoni tas-16 ta' Novembru 2015.

Aktar informazzjoni:

Għar-rapport tal-FRA sħiħ dwar is-servizzi ta' appoġġ għall-vittmi - *Vittmi tal-kriminalità fl-UE: kemm għandu jkun hemm u n-natura ta' appoġġ għall-vittmi* (2014) - ara: <https://fra.europa.eu/en/publication/2015/victims-crime-eu-support>

Għal mappa tad-drittijiet u appoġġ tal-vittmi fl-UE, ara: <http://fra.europa.eu/en/publications-and-resources/data-and-maps/comparative-data/victims-support-services>

Ara wkoll ir-rapporti tar-riżultati ewlenin tal-FRA tal-erba' servejs fuq skala kbira:

- *EU-MIDIS - Servej tal-Unjoni Ewropea dwar Minoritajiet u Diskriminazzjoni Rapport tar-riżultati ewlenin* (2009): <http://fra.europa.eu/en/publication/2012/eu-midis-main-results-report>
- *Diskriminazzjoni u reati ta' mibegħda kontra l-Lhud fi Stati Membri tal-UE: esperjenzi u perċezzjonijiet ta' antisemitiżmu* (2013): <http://fra.europa.eu/en/publication/2013/discrimination-and-hate-crime-against-jews-eu-member-states-experiences-and>
- *Vjolenza kontra n-nisa: servej tal-UE kollha* (2014): <http://fra.europa.eu/en/publication/2014/vaw-survey-main-results>
- *Servej EU LGBT - Servej Ewropew dwar lezbiani, gay, bisesswali u transesswali* (2014): <http://fra.europa.eu/en/publication/2014/eu-lgbt-survey-european-union-lesbian-gay-bisexual-and-transgender-survey-main>

Ħarsa ġenerali tal-attivitatijiet tal-FRA dwar aċċess għall-ġustizzja hija disponibbli minn:

<http://fra.europa.eu/en/theme/access-justice>



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet

FRA – AĠENZIJA TAL-UNJONI EWROPEA GĦAD-DRITTIJET FUNDAMENTALI

Schwarzenbergplatz 11 – 1040 Vjenna – Awstrija
Tel. +43 158030-0 – Fax +43 158030-699
fra.europa.eu – info@fra.europa.eu
[facebook.com/fundamentalrights](https://www.facebook.com/fundamentalrights)
[linkedin.com/company/eu-fundamental-rights-agency](https://www.linkedin.com/company/eu-fundamental-rights-agency)
twitter.com/EURightsAgency

© L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali, 2014
Ritratt: © Shutterstock



ISBN 978-92-9239-889-7

TK-06-14-151-MT-N
doi:10.2811/302045